# L-Imnarja fin-Nadur Mitt Sena Ilu... Festa li saret f'aspettattiva għat-tlestija tal-koppla

Daniel Meilak

L-istudju ta' avveniment storiku qatt ma jista' jittieħed għalih waħdu; dan għaliex kull fejn hemm il-bniedem hemm proċess u l-istorja hija l-istudju ta' dan il-proċess. Hekk jistqarr l-istoriku ta' fama mondjali Jacques Le Goff: l-istorja "huwa passat li ma għandux jipparalizza lill-preżent, imma jgħinu sabiex ikun fidil lejn il-wirt tiegħu, għalkemm xorta waħda differenti u innovattiv filwaqt li jagħmel il-progress." Hekk ukoll, meta sejrin nidħlu fil-festa tal-1913, mitt sena ilu, jgħodd ukoll dan il-prinċipju.

L-ewwel nett, jeħtieġ li jingħata kwadru tas-sitwazzjoni fil-1913. Kienet it-tielet sena tal-parrokat tal-Arċipriet ħabrieki l-Kan. Dun Martin Camilleri S.T.D. In-Nadur kien bil-wisq differenti minn dak li nafu llum. Il-ħajja soċjali kienet waħda aktar sempliċi u bażika. Il-maġġoranza tan-Nadurin kienu okkupati fir-raba', fis-sajd, u f'xi industriji oħra. Ekonomikament ma tantx kien hawn realtà sabiħa, la fin-Nadur, u lanqas fil-bqija ta' Malta. Wara l-ġid li kien hawn sal-ewwel ftit snin tas-seklu għoxrin, meta kien hawn diversi xogħlijiet għaddejjin, bħall-*breakwater* tal-Port il-Kbir, u allura kien hawn aktar xogħol u aktar flus, mill-1906 'il quddiem dan kollu waqaf. Il-qagħad żdied, id-*deficit* tal-gvern għola, il-karitajiet żdiedu, għax il-faqar żdied. Fil-fatt bdew jinbtu ċerti ideali soċjali bħalma kienu dawk ta' Manwel Dimech li kien qed jargumenta li l-Ingliżi għandhom jitilqu minn Malta u anke waqqaf għaqda tal-ħaddiema b'bixra politika. Kostituzzjonalment, Malta ma kinitx għadha tgawdi mill-Kostituzzjoni tal-1887. L-Ingliżi fl-1903 irrevokawha, u taw waħda ferm aktar restrittiva, minħabba diversi raġunijiet, fosthom din il-qagħda soċjo-ekonomika diffiċli u li kienet qed tkompli tiddeterjora.



*L-Istatwa Titulari tal-Appostli San Pietru u San Pawl meqjuma fil-Kolleġġjata tan-Nadur,* ċirka mitt sena ilu.

Raġuni oħra kienet għaliex fix-xena internazzjonali, il-prospettivi ma tantx kienu jidhru sbieħ. Fil-fatt, fl-1913, l-Ewropa kienet fix-xefaq ta' gwerra kbira. L-imperi u l-qawwiet il-kbar fosthom l-Ingilterra, Franza, il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Imperu Ottoman u r-Russja kienu qed jidħlu f'xibka ta' alleanzi u f'ġirja għall-armamenti. Aktar tard, b'inċident f'Sarajevo, il-Bożnja, faqqgħet dik li kellha tibqa' tissejjaħ il-Gwerra l-Kbira.

Dun Martin, sa minn meta kien għadu kemm siefer f'Ruma biex jistudja, kien beda jberren f'moħħu proġett ambizzjuż ħafna – dak li jkabbar u jsebbaħ il-knisja tan-Nadur. Dan fl-1897, meta Malta kienet għadha ekonomikament fi żmien ta' prosperità. Minkejja li sal-1907, jiġifieri meta l-pjanti kienu lesti u tqiegħdet l-ewwel ġebla, is-sitwazzjoni ekonomika f'Malta kienet daħlet f'riċessjoni inkwetanti, Dun Martin xorta waħda baqa' sejjer b'ħolmietu. Il-proġett imniedi minn Dun Martin u pjantat minn Francesco Saverio Sciortino beda miexi ġmielu u sal-1913 l-istruttura tal-knisja parrokkjali kienet diġà nbidlet sew minn kif kienet qabel.

Il-Festi li ġew iċċelebrati mill-1907 'il quddiem allura kienu kollha f'aspettattiva ta' stennija. Kien hemm poplu li meta jħares lejn il-knisja: li kienet il-qalba tar-raħal u tal-ħajja tiegħu, kien jilmaħ l-element antik li qiegħed jiġi aġġornat bl-element il-ġdid. Fil-festa tal-1913, ix-xogħol fuq il-koppla kien kważi lest, waqt li dak ta' fuq il-faċċata u n-navi kien miexi ġmielu. Matul dan iż-żmien, in-Nadur ra artisti ta' ċertu ħila, kollha jaħdmu għalenija

skont is-sengħa tagħhom fuq dan il-proġett. Waqt li l-Arkitett prinċipali kien Francesco Saverio Sciortino, miegħu wkoll kien hemm l-Imgħallem Ċikku Farrugia mix-Xewkija, u aktar tard ingħaqad magħhom ukoll l-Iskultur Pawlu Falzon minn Ħal Balzan. Dan biex ma nsemmux ukoll lil Lazzaro Pisani li kien qiegħed jaħdem fuq il-pittura u Pio Cellini fuq l-iskultura.

Żewġ elementi fl-1913 li kienu qed jaħkmu lill-Arċipriet Camilleri, iżda xi ftit jew wisq lin-Nadurin ta' dak iż-żmien, kienu l-iskuraġġiment minħabba l-faqar u n-nuqqas ta' riżorsi li kien hemm, u anke l-biża'. Minħabba l-faqar, kienu n-nies stess li jġorru l-ġebel meħtieġ mix-Xewkija lejn in-Nadur għall-bini tal-knisja. In-nisa kienu jmorru jnaddfu l-ħamrija mill-għelieqi biex imbagħad l-irġiel isibu l-ġebel mikxuf u jaqtgħuh. Il-ġebel kien qed jinġarr minn karrettuni privati; kulħadd itella' miegħu ftit ġebel, u kien hemm ukoll żewġ karrijiet oħra – wieħed jinġarr min-nisa u l-ieħor mill-irġiel. Imbagħad kien hemm ukoll element ta' biża'. Kienu diversi dawk li taw l-opinjoni li l-knisja ma kinitx ser tiflaħ koppla bħal dik. Sciortino iżda kien aċċerta lill-Arċipriet li kollox imur sew. Iżda meta fit-2 ta' Mejju 1913, ftit ġimgħat biss qabel il-festa, ġara li waqa' kantun mill-koppla li kienet qed tinbena, ġibed miegħu xi ġebel u xi armar ieħor u waqa' kollox fuq il-presbiterju; b'xi ħsara kkawżata, l-Arċipriet li kien f'daru, x'ħin sema' dak il-ħoss kbir, kien ħaseb li ċediet il-koppla!



Il-Koppla tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur lesta.
Ritratt li juri l-bini tal-faċċata tal-Knisja fl-aħħar fażi tax-xogħol tagħha fis-sena 1915.

Iżda minkejja dan, il-poplu Naduri kien qiegħed jagħmel il-qalb għaliex il-progress tax-xogħol, minkejja l-ħafna tbatija u sagrifiċċji, kien xi ħaġa evidenti. Il-proġett kien qiegħed jitwettaq. L-istess bħall-festi mill-1909 'il quddiem, dik tal-1913 ma nsibux rendikont dettaljat għaliha f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħlasijiet li saru. X'inhi r-raġuni ftit nistgħu ngħidu. Huwa probabbli li l-festi mill-1909 'il quddiem, f'dan iż-żmien ta' faqar u finanzjament ta' proġett kbir, saru aktar ridotti mis-soltu biex il-flus imorru għat-tlestija tal-knisja. Xhieda li tista' ssaħħaħ dan huwa l-fatt li anke fil-fotografija li għandna tal-Imnarja tal-1913, jidher li l-festa kienet waħda aktar sempliċi, saħansitra anke bla armar. Dan xorta waħda jibqa' biss probabbiltà u mhux ċertezza għaliex in-nuqqas ta' evidenza għall-festa tal-1913 ma tippruvax bil-kontra u ma tintitolax li wieħed jgħid li kienet ridotta. Iżda din it-teorija tibqa' kandidata b'saħħitha għal dak li seta' ġara fil-festi mill-1909 'il quddiem, inkluża dik tal-1913.

Minkejja li m'hemmx rendikont dettaljat tal-festa tal-1913, insibu xi ħlasijiet sparpaljati 'l hemm u 'l hawn li saru matul is-sena. Minbarra l-ispejjeż tas-soltu, in-Nadur ftit qabel il-festa kien ta l-kontribuzzjoni tiegħu probabbilment għall-Kungress Ewkaristiku li kien sar bejn it-23 u s-27 ta' April tal-1913. Fil-fatt, in-Nadur ħareġ is-somma ta' £0.4 għal dan. Barra minn dan, wisq probabbli li, hekk kif għamlu knejjes oħra f'Malta bħalma kienet il-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat tal-Imdina, ġiet illuminata l-knisja tan-Nadur bil-fjakkli minn barra, l-istess bħal f'festi oħra. Għal dan, insibu ħlas ta' £0.8 lil Spiridione Mallia nhar is-27 ta' Mejju tal-istess sena. Probabbli wkoll ġew sparati anke xi tiri tan-nar biex ikomplu jżidu ma' dan l-element ta' festa. Nafu li ħarġu l-flus nhar il-5 ta' Mejju (£0.9) għal damask ta' erba' pilastri u nhar il-25 ta' Lulju għal xi damask ieħor flimkien ma' xogħol fuq artal (£8). Kienet inxtrat ukoll pjaneta li qamet £0.15 nhar il-25 ta' Jannar.

Il-poplu, fil-festa tal-1913 kien qed iħares 'l hemm mit-tbatija u s-sagrifiċċju, meta quddiemu kien qiegħed jara żminijiet ġodda fil-ħajja tiegħu bħala komunità. Ħolmietu kienet qed titwettaq u kien qed jistenna l-waqt li, ladarba l-proġett ikun lest, allura jifraħ bil-kbir madwar dawk li ħolmu li dak li kien jidher impossibbli seta' jitwettaq bil-għajnuna tal-poplu Naduri, li kien iħobb il-wirt li ħallewlu missirijietu u dejjem għaraf ikompli jimxi maż-żmien u l-progress li ħajjietu kienu għaddejja minnu.

© Daniel Meilak B.A. (Hons) (Melit.) • 2013.



Il-bidu tal-bini tal-Koppla tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur.
Ritratt meħud fil-bidu tal-ewwel fażi tax-xogħol fis-snin 1911 / 1912.



Mitt Sena Ilu.
Il-fażi tal-bini tal-Koppla tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur hekk kif kien fil-festa tal-Imnarja ta' mitt sena ilu, fis-sena 1913.